MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**LAWRENCE MINTOFF**

**Seduta tal-14 ta' Ottubru, 2015**

Rikors Maħluf Numru: 146/15LM

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs.**

**1. Mixer Limited (C9942), u**
**2. Mixer Concrete Works Limited (C17858)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors imressaq fis-17 ta' Frar, 2015 (minn issa 'l quddiem imsejjaħ ir-Rikors) li bih **Bank of Valletta p.l.c. (C2833)** [minn issa "is-soċjetà rikorrenti"] u Joseph Caruana (K.I. 709057M) għan-nom u in rapprezentanza tal-istess

socjetà rikorrenti ikkonferma bil-ġurament, fejn għar-raġunijiet imfissra talbet li din il-Qorti:

*Illi permezz ta' sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-28 ta' Frar 2002 fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs Mixer Limited u Mixer Concrete Works Limited" (Ċitazzjoni numru 1407/2000JRM) (Dok. "A"), is-soċjetà esponenti ġiet kanonizzata kreditriċi ta' Mixer Limited u Mixer Concrete Works Limited fis-somma ta' żewġ miljuni, mitejn u tlieta u tletin elf, mitejn u tlieta u tletin euro u ċenteżmu (€2,233,233.01) [ekwivalenti għal Lm958,725.93] flimkien mal-ispejjeż u mal-imgħaxijiet ulterjuri mill-1 ta' April 2000 sal-jum tal-pagament effettiv.*

*Illi għaddew aktar minn għaxar (10) snin minn meta s-sentenza fuq imsemmija setgħet tiġi eżegwita u d-debitu tal-intimati għadu ma tħallasx u għalhekk kellu jsir dan ir-rikors.*

*Illi d-debitu tal-intimati llum jammonta għal erba' miljuni, tmin mija u erbgħin elf, mitejn u tmienja u tmenin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€4,840,288.86) flimkien mal-ispejjeż u mal-imgħaxijiet ulterjuri mid-19 ta' Diċembru 2014 sal-jum tal-pagament effettiv (Dok. "B1 sa B2").*

*Għaldaqstant, is-soċjetà rikorrenti titlob umilment illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha teżegwixxi s-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-28 ta' Frar 2002 fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs Mixer Limited u Mixer Concrete Works Limited" (Ċitazzjoni numru 1407/2000JRM) (Dok. "A"), bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-intimati.*

Rat ir-risposta ta' **Mixer Limited [C9942]** u **Mixer Concrete Works Limited [C17858]** (minn issa "is-soċjetajiet intimati"):

1. *Illi l-esponenti jopponu għat-talba mressqa mill-bank rikorrent stante li kuntrarjament għal dak dikjarat fir-rikors promotur, il-bank rikorrenti diġà eżegwixxa t-titolu li kellu meta huwa ppartecipa b'mod attiv f'subbasta li fih ġew mibjugħa l-assi kollha tal-istess soċjetajiet esponenti u għalhekk m'hemmx iżjed lok ta' eżekuzzjoni.*

2. *Illi fil-fatt il-propjetà mertu tas-subbasta msemmija u ċioè s-subbasta bin-numru 15/2006 fl-ismijiet 'Bank of Valletta plc vs. Mixer Limited' ġiet aġġudikata a favur Neville Spiteri u John Dalli and Associates (Business Management Services) Ltd (C5114).*

3. *Illi għalhekk ir-rimedju li għandu llum il-bank rikorrenti m'huwiex dak prospettat fl-azzjoni mressqa minnu iżda semmai kontra terzi, Neville Spiteri u John Dalli and Associates li fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja ai fini tal-integrità tal-atti għandhom jiġu kjamati f'dawn il-proċeduri.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet ix-xhieda ta' Roderick Abela, rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti.

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-Rikors.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Ġunju, 2015 fejn ir-Rikors tħalla għal provvediment għas-seduta tal-14 ta' Ottubru, 2015.

**Ikkunsidrat:**

Illi din hija azzjoni taħt l-Artikolu 258(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex sentenza li għaddiet f'ġudikat terġa' tiġi reża eżegwibbli wara li għaddew iżjed minn għaxar snin minn meta ngħatat.

L-artikolu tal-liġi li abbażi tiegħu qiegħda ssir din il-proċedura, ċjoè l-Artikolu 258 tal-Kap. 12 jirregola l-kwistjoni fejn il-liġi tagħti l-fakoltà lil min ikollu titolu eżekuttiv li jgħaddilu t-terminu ta' żmien li fih setgħet issir l-eżekuzzjoni tiegħu, li tali titolu jista' jigi ravvivat b'din il-proċedura[1].

Din il-Qorti tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta p.l.c. vs. John Dalli et**[2] fejn intqal għar-rigward ta' talba li ssir ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

> *"... l-unika eżami li għandha tagħmel l-istess Qorti għall-akkoljiment tal-istess rikors huwa biss li tindaga u taċċerta ruħha dwar l-eżistenza tal-istess titolu eżekuttiv, u li l-ammont hekk kanonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-ġurament tal-istess rikorrenti. Fil-fatt xejn iżjed ma huwa rikjest skont l-istess artikolu, lanqas in-notifka lill-kontro-parti, u wisq inqas li l-istess rikors jiġi appuntat għas-smigħ".*

[1] Ara s-sentenza fl-ismijiet **HSBC Malta plc vs Charmaine Saliba**, deċiża fis-27 ta' Settembru, 2012 PA (JRM).
[2] PA (RCP) deċiża fit-18 ta' April, 2002.

Dejjem fl-ambitu tal-Artikolu 258(a) tal-Kap. 12 fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Perici Calascione vs. Mario Fenech**[3] intqal dan li ġej:

> *"...l-unika konsiderazzjoni li għandha tagħti din il-Qorti f'proċedura bħal din, hija biss dwar l-eżekuzzjoni tas-sentenza u l-eżistenza tal-istess sentenza, u wkoll li tordna l-eżekuzzjoni tas-sentenza biss għall-ammont kanonizzat li jkun għadu ma tħallasx...".*[4]

Mill-atti jirriżulta li s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fit-28 ta' Frar, 2002 fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. vs. Mixer Limited u Mixer Concrete Works Limited** (Ċitaz. Nru. 1407/00 JRM) għaddiet in ġudikat u għalhekk tikkostitwixxi titolu eżekuttiv skont l-Artikolu 253(a) tal-Kap. 12.

Jirriżulta wkoll mill-atti tal-kawża illi fis-17 ta' Frar, 2015, mill-ammont mertu tas-sentenza fuq riferita, is-soċjetajiet intimati kienu għadhom debituri tas-soċjetà rikorrenti fl-ammont bilancjali ta' €4,840.288.86, flimkien mal-ispejjeż, u flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mid-19 ta' Diċembru, 2014 sal-jum tal-pagament effettiv. Dan ġie kkonfermat bil-ġurament minn Joseph Caruana għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà rikorrenti mal-preżentata tar-Rikors.

Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Roderick Abela, rappreżentant ieħor tas-soċjetà rikorrenti (a fol. 36 sa 37 tal-proċess), li sa l-5 ta' Ġunju, 2015 is-soċjetajiet

[3] (PA (RCP) deċiża fit-12 ta' Dicembru 2000.
[4] Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. vs. Francis Bezzina Wettinger pro et noe** deċiża fis-26 ta' Marzu, 2010.

intimati baqgħu ma ħallsu xejn mill-ammont dovut, u għalhekk baqa' jakkumula l-imgħax.

Min-naħa tagħhom is-soċjetajiet intimati jikkontendu illi (i) kuntrarjament għal dak dikjarat fir-Rikors, is-soċjetà rikorrenti diġà eżegwiet it-titolu li kellha meta pparteċipat b'mod attiv f'subbasta li fiha ġew mibjugħa l-assi kollha tal-istess soċjetajiet intimati u għalhekk m'hemmx iżjed lok ta' eżekuzzjoni; (ii) fil-fatt il-proprjetà mertu tas-subbasta imsemmija (Subbasta Nru. 15/2006 fl-ismijiet 'Bank of Valletta p.l.c. vs. Mixer Limited') ġiet aġġudikata a favur Neville Spiteri u John Dalli and Associates (Business Management Services) Ltd (C5114).

Madankollu mill-atti tas-Subbasta Nru. 15/2006 fl-ismijiet 'Bank of Valletta p.l.c. vs. Mixer Limited' jirriżulta s-segwenti:

a. Fl-24 ta' Awwissu, 2006 ingħata digriet (a fol. 167 tal-atti tas-subbasta) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kif diversament ippresjeduta, wara li rat il-liberazzjoni tat-22 ta' Ġunju, 2006, favur Joseph Gaffarena bil-prezz ta' LM1,400,000.00ċ, rigward il-fond batching plant bla numru u bla isem mibnija fuq biċċa art magħrufa "Ta' San Martin", fil-kontrada ta' San Martin, limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, Malta u l-art ta' madwara magħrufa wkoll bħala Ta' San Martin tal-kejl superfiċali komplessiv ta' 23548.99 metri kwadri, bil-benefikati kollha eretti fuqha, li tinsab fi triq li minn Ħaż-Żebbuġ twassal għar-Rabat, stmata li tiswa LM2,800,000.00ċ; u billi fiż-żmien stabbilit mil-liġi Neville Spiteri personalment u għan-nom u in

rappreżentanza ta' John Dalli and Associates (Business Management Services) Limited (C5114)(korrezzjoni awtorizzata b'sentenza tat-8 ta' Ġunju, 2011) kiser il-kwindena u offra LM1,450,000.00ċ għall-fond hawn fuq imsemmi; iddekretat u għażlet għal bejgħ b'Irkant u l-aħħar liberazzjoni tal-fond fuq imsemmi l-jum tat-23 ta' Novembru, 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar fil-kuriduri tal-Qrati;

b. Is-subbasta ġiet sospiża fuq talba tas-soċjetà intimata Mixer Limited (a fol. 202 tal-atti tas-subbasta);

c. Is-subbasta ġiet riappuntata għat-18 ta' Ottubru, 2007 (a fol. 221);

d. Fit-18 ta' Ottubru, 2007 sar il-bejgħ bl-irkant (a fol. 322 tal-atti tas-subbasta) u l-proprjetà imsemmija ġiet definittivament liberata favur Neville Spiteri personalment u għan-nom u in rappreżentanza ta' John Dalli and Associates (Business Management Services) Limited (C5114) għall-prezz ta' LM1,450,000 (€3,377,591.43);

e. Permezz ta' rikors (a fol. 330 – 331 tal-atti tas-subbasta) Neville Spiteri personalment u John Dalli and Associates (Business Management Services) Limited (C5114) talbu *inter alia* permess sabiex jiddepożitaw l-ammont inkwistjoni (LM1,450,000 (€3,377,591.43)), u ċjoè il-prezz tal-liberazzjoni tal-immobbli fil-forma ta' garanzija bankarja ta' bank f'Malta u pagabbli on demand u dan sabiex f'każ li d-debitur jersaq biex jixtri lura l-immobbli l-esponenti ma jkunux tilfu imgħaxijiet, li fuq somma daqshekk kbira jkunu konsiderevoli;

f. Mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, is-soċjetà John Dalli and Associates (Business Management Services) Limited (C5114) ippreżentat ċedola ta' depożitu (a fol. 334 – 335 tal-atti tas-subbasta) li biha ddepożitat garanzija bankarja pagabbli lid-Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali biex tagħmel tajjeb għall-prezz kollu aġġudikat fis-subbasta 15/2006 favur id-depożitant, liema garanzija għall-ammont ta' LM1,450,000 jiġu żbankati minn min għandu dritt għalihom skont il-liġi wara li ssir id-debita verifika u riċerki opportuni u bid-debita surroga favur id-depożitant;

g. Il-Bank of Valletta p.l.c. oppona għat-talba ta' John Dalli and Associates (Business Management Services) Limited (C5114) (a fol. 343 tal-atti tas-subbasta) biex jiddepożita garanzija bankarja minflok ma jiddepożita l-prezz offrut;

h. B'digriet ta' din il-Qorti kif diversament ippresjeduta tat-8 ta' Novembru, 2007 (a fol. 345 tal-atti tas-subbasta) wara li rat l-Artikolu 328 tal-Kap. 12 li jrid li x-xerrej tal-immobbli mibjugħa in subbasta għandu jiddepożita l-prezz u rat illi d-depożitu ta' garanzija bankarja mhuwiex ekwivalenti għal depożitu tal-prezz kif trid il-liġi, ċaħdet it-talba ta' John Dalli and Associates (Business Management Services) Limited (C5114) biex jiddepożita garanzija bankarja minflok ma jiddepożita l-prezz offrut fis-subbasta;

i. B'sentenza ta' din il-Qorti kif diversament ippresjeduta tat-8 ta' Ġunju, 2011 fl-ismijiet **Neville Spiteri et vs. Mixer Limited et** (Ċitaz. Nru. 1185/07) (a fol. 369 tal-atti tas-subbasta) Neville Spiteri u John Dalli and

Associates (Business Management Services) Limited (C5114) ġew ordnati biex fi żmien ħmistax il-jum jiddepożitaw is-somma ta' €3,377.591.43, b'dan li jekk ikun għadda t-terminu pprovdut inutilment, li għal ebda raġuni m'hu ser jiġi estiż, il-Qorti tqis l-offerta bħala li tkun skadiet u waqgħet għal kull effett u fini tal-liġi;

j. Permezz ta' rikors ippreżentat fl-4 ta' Ottubru, 2013 minn Charles Magri, F & A Quarries u Ramel u Żrar Limited (a fol 398 tal-atti tas-subbasta), il-Qorti ġiet mitluba tiddikjara illi l-offerta ta' Neville Spiteri skadiet u waqgħat u konsegwentement tappunta mill-ġdid is-subbasta fl-ismijiet premessi u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni;

k. Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament ippresjeduta tal-21 ta' Ottubru, 2013 fejn wara li rat ir-rikors ta' Charles Magri et; wara li rat is-suċitata sentenza tat-8 ta' Ġunju, 2011; u wara li rat li l-effetti tal-offerta kienu jaqgħu għeluq ħmistax mis-sentenza jekk ma jsirx id-depożitu; u billi Neville Spiteri pro et nomine iddikjara li d-depożitu inkwistjoni ma sarx u billi għalhekk għadda aktar minn sena mid-data meta s-subbasta setgħet ġiet appuntata fuq talba ta' kredituri, il-Qorti ċaħdet it-talba ta' Charles Magri et billi kien għadda aktar żmien permess bil-liġi skont l-Artikolu 351(1) tal-Kap. 12.

Għaldaqstant mill-atti tas-subbasta Nru. 15/06 jirriżulta b'mod ċar li fl-aħħar mill-aħħar mhux biss l-offerta ta' Neville Spiteri u John Dalli and Associates

(Business Management Services) Limited (C5114) skadiet u waqgħet għal kull effett u fini tal-liġi, imma wkoll ai termini tal-Artikolu 351 (1) tal-Kap. 12, wara li l-kredituri ħallew wieqaf l-irkant għal iżjed minn sena, l-atti kollha tal-irkant inkwistjoni saru nulli.

Billi għalhekk is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fit-28 ta' Frar, 2002 fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. vs. Mixer Limited u Mixer Concrete Works Limited** (Ċitaz. Nru. 1407/00 JRM) baqgħet ma ġietx eżegwita, u għaddew għaxar snin minn meta setgħet tiġi eżegwita, ai termini tal-Artikolu 258(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tqis li r-rekwiżiti tal-Artikolu 258 (a) tal-Kap. 12 f'dan il-każ ġew sodisfatti u t-talba tas-soċjetà rikorrenti għandha tiġi milqugħa.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet kollha premessi, din il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti kif dedotta fir-Rikors u qiegħda tawtorizzaha li teżegwixxi s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fit-28 ta' Frar, 2002 fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs. Mixer Limited u Mixer Concrete Works Limited (Ċitaz. Nru. 1407/00 JRM), bl-ispejjeż kontra s-soċjetajiet intimati.**

Moqrija

-------------------TMIEM--------------------